# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 8 ta' Ottubru 2001**

**Avviz.  numru 625/01**

**Numru 37**

**U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**Saviour Mallia**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u seba' u sebghin lira Maltija (Lm577) rappresentanti import ta' tmien (8) kambjali, wahda ta' Lm17 u s-seba' l-ohra ta' Lm80 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Novembru 2000 sa Gunju 2001 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 8 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-14 ta' Gunju 2001 jammontaw ghal Lm13, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi kambjalijiet minn fol1 sa fol 8 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-26 ta' Settembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm577.00,0 bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala esebita in atti, liema imghax sal-14 ta' Gunju 2001 kien jammonta ghal Lm13.00,0 oltre l-imghax ulterjuri mill-15 ta' Gunju 2001 sad-data tal-pagment effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Dep.Reg